**MALTA**

**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Magistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 334/11VG**

**George Zammit**

**Vs**

**Pawlu Agius**

**Illum 6 ta' Frar 2017**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikorsipprezentat minn George Zammit fit-3 ta' Ottubru 2011 permezz ta' liema jitlob li Pawlu Agius jigi kkundannat ihallsu s-somma ta' disat elef disa' mija u sebghin Euro u tletin centezmu (€9,970.30) rapprezentanti l-bilanc tal-valur tal-vann tieghu li kien fil-pussess ta' l-istess Pawlu Agius meta dan insteraq, u dan ukoll skond ma Agius obbliga ruhu permezz ta' skrittura iffirmata minnu f'Dicembru 2009, u dana stante li Pawlu Agius telaq mix-xoghol u ma baqghax impjegat mieghu, bl-imghax legali dekoribbli mill-1 ta' Mejju 2011 sad-data ta' l-effettiv pagament u bl-ispejjez, inkluzi l-ittri legali mibghuta lilu, kontra Pawlu Agius;

Rat l-iskrittura annessa mar-Rikors promotur a fol. 2 tal-process;

Rat ir-Risposta ta' Pawlu Agius permezz ta' liema jopponi ghat-talba ta' l-attur u jitlob li l-istess tigi michuda, bl-ispejjez kontra l-attur, stante li: (i) it-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt; (ii) huwa qatt ma ffirma skrittura li giet spjegata lilu dwar xi obbligazzjoni ta' xi hlas; u (iii) bla pregudizzju ghal dak già eccepit, huwa mhux obbligat ihallas l-ammont indikat fit-talba attrici stante li meta huwa saq il-vann tal-kumpanija fejn kien jahdem, l-attur kellu d-dover li jara li l-vettura tkun koperta minn polza ta' assigurazzjoni;

Semghet ix-xhieda ta' l-attur moghtija waqt is-seduti tas-17 ta' Jannar 2012[1] u ta' l-10 ta' Lulju 2012[2] u rat id-dokumenti esebiti minnu *animo ritirandi* markati Dok. "GV1" a fol. 27 sa' 33 tal-process, semghet ix-xhieda moghtija minn Brian Zammit[3] u Mary Zammit[4] waqt is-seduta tat-13 ta' Marzu 2012, semghet ix-xhieda tal-konvenut moghtija waqt is-seduta ta' l-24 ta' April 2012[5] u rat id-dokument, ossia fotokopja tal-Karta ta' l-Identità tieghu, markat Dok. "PA" a fol. 22 tal-process u semghet ix-xhieda ta' Rita Philips moghtija waqt is-seduta tal-5 ta' Novembru 2012[6];

Rat l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni l-attur jitlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallsu s-somma ta' €9,970.30 rapprezentanti l-bilanc tal-valur tal-vann tieghu li insteraq waqt li kien fil-pussess tal-konvenut, liema valur tal-vann il-konvenut kien obbliga ruhu li jirrifondih skond skrittura minnu stess iffirmata u liema bilanc baqa' dovut in kwantu l-konvenut ma baqghax jahdem ma' l-attur. Il-konvenut jopponi ghat-talba ta' l-attur u jikkontendi li ebda hlas ma huwa minnu dovut lill-istess attur stante li: (i) it-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt; (ii) huwa qatt ma ffirma skrittura li giet spjegata lilu dwar xi obbligazzjoni ta' xi hlas; u (iii) meta huwa saq il-vann tal-kumpanija fejn kien jahdem, l-attur kellu d-dover li jara li l-vettura tkun koperta minn polza ta' assigurazzjoni.

Mill-provi prodotti mill-partijiet kontendenti jirrizulta bhala fatt inkontestat li il-vann ta' l-attur insteraq waqt li dan kien fil-pussess tal-konvenut. In effetti jirrizulta li l-konvenut kien soltu jissellef il-vann ta' l-attur u meta dan insteraq kien qieghed fil-pussess tieghu peress li kien talbu lill-attur biex ikun jista' jgorr xi hamiem. Minn dawn l-istess provi jirrizulta li n-nuqqas ta' qbil principali bejn il-partijiet kontendenti jittratta dwar l-esegwibilità ta' l-iskrittura li fuqha l-attur jibbaza l-azzjoni tieghu fil-konfront tal-konvenut u dana billi l-konvenut jikkontendi li huwa qatt ma ffirma ghal ebda obbligazzjoni li jirrifondi l-valur, jew kwalunkwe bilanc qual' volta dovut, tal-vann ta' l-attur.

Flimkien mar-Rikors promotur l-attur esebixxa skirttura jew ahjar dikjarazzjoni li tghid *Jiena Pawlu Agius ghandi naghti lil George Zammit Lm6,000 (sitt elef Liri Maltin) tal-van li kelli ghandi u serquhuli* u telenka l-hlasijiet maghmula sat-28 ta' April 2011 b'dana li fadal bilanc ta' €9,970.30[7],

---

[1] Fol. 14 u 15 tal-process.
[2] Fol. 34 u 35 tal-process.
[3] Fol. 17 u 18 tal-process.
[4] Fol. 19 u 20 tal-process.
[5] Fol. 24 u 25 tal-process.
[6] Fol. 37 tal-process.
[7] Fol. 2 tal-process.

ossia l-ammont pretiz bil-proceduri odjerni. Din id-dikjarazzjoni tidher li giet iffirmata mill-konvenut. L-attur ma llimitax ruhu li jesebixxi l-imsemmija dikjarazzjoni izda ressaq bhala xhud lil martu, Mary Zammit, li kienet il-persuna li materjalment kitbet id-dikjarazzjoni in kwistjoni u kienet prezenti meta din giet iffirmata mill-konvenut. Fir-rigward Mary Zammit xehdet, fost affarijiet ohra, *il-konvenut kien accetta li jhallas ghal dan il-vann, fil-fatt il-ftehim kien li tinqataghlu parti mill-paga biex tmur kontra l-vann u l-leave li jiehu ma jithallasx tieghu u l-ammont imur fil-konfront tal-vann ukoll. Anki il-bonus ma jehdux biex jithallas il-vann. Niftakar li ghall-habta tal-Milied kien gie d-dar biex jiffirma l-karta u fil-fatt kien iffirma dan il-ftehim quddiemi. Qed nigi murija fotokopja tal-ftehim u qed nipparagunaha mal-ftehim originali u nikkonferma illi din hija fotokopja ta' l-original u fuqha qed naghraf il-firem tal-konvenut. Fejn isfel hemm l-isem Pawlu Agius fuq il-folja datata 20 ta' Gunju 2005, dawk ktibthom jiena, madanakollu nerga' nghid li naghraf il-firma tal-konvenut*[8].

Rinfaccjat b'din id-dikjarazzjoni li tidher li giet iffirmata minnu, il-konvenut xehed *jien qed nigi muri l-iskrittura a fol. 2 tal-process izda nghid li jien ma iffirmajtx, u dan ghar-raguni li jien la naf nikteb u laqnas naqra. Peress li jien ma nafx naqra meta nircievi dokument id-dar kont nghid lill-partner tieghi biex taqrahuli. Qed nerga' nigi muri d-dokument u nghid li ma nafx naqra u li ma naghraf l-ebda sinjali fuqu. Darba minnhom kienet cemplitli l-mara ta' l-attur u kienet qaltli biex immur niffirma ftehim maghha, jien kont mort flimkien mal-partner tieghi, hi qrat dan il-ftehim u malli rat x'kien hemm fih qaltli biex ma niffirmax. Li gara imbaghad kien li l-attur beda jaqtaghli l-bonuses, sick leave u leave u finalment beda jaqtaghli mill-paga. Meta rajt li l-attur kien qed jaghmilli hekk jien kont iggelidt mieghu u fl-ahhar innervjat u ma kellimtux izjed.* In kontro-ezami l-konvenut mill-gdid iddikjara *qed nerga' nigi muri l-firma taht in-numru 20 a fol.3 tal-process u nerga' nghid li dik mhux il-firma tieghi.*

Ghalkemm il-konvenut jghid li huwa ma ffirmax id-dikjarazzjoni in kwistjoni, fuq l-istess dokument tidher firma li evidentement tghid *Paul Agius* u meta din il-firma tigi mqabbla mal-firma li tidher fuq il-Karta ta' l-Identità tal-konvenut, fotokopja ta' liema tinsab esebita bhala Dok. "PA" a fol. 22 tal-process, immedjatament jigi innutat li dawn il-firem huma simili hafna ghal xulxin. L-istess jinghad meta l-firma fuq id-dikjarazzjoni tigi kkunsidrata u ipparagunata mal-firma li tidher fuq diversi dokumenti esebiti mill-attur *animo ritirandi* markati Dok. "GV1"[9], liema dokumenti skond l-attur gew iffirmati mill-konvenut stess meta kien jimla l-vann bid-diesel jew kien imur jixtri xi hadid jew affarijiet ohra fuq inkarigu ta' l-attur.

Fid-dawl ta' din is-somiljanza u similarità bejn il-firma li hemm fuq id-dikjarazzjoni a fol.2 tal-process u l-firma li hemm fuq il-Karta ta' l-Identità tal-

[8] Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-13 ta' Marzu 2012, fol. 19 u 20 tal-process.
[9] Fol. 27 sa' 33 tal-process.

konvenut a fol. 22 tal-process u fuq id-dokumenti markati Dok. "GV" a fol. 27 sa' 33 tal-process, liema somiljanza u similarità ma giet bl-ebda mod kuntrastata jew kontradetta mill-konvenut, il-Qorti difficilment tista' temmen lill-konvenut meta jikkontendi li huwa ma kienx iffirma dik id-dikjarazzjoni u li l-firma fuq dik id-dikjarazzjoni ma hijiex tieghu.

Apparte s-somiljanza u s-similarità bejn il-firem kif appena osservat, hemm fatturi ohra li jirrizultaw mix-xhieda tal-konvenut stess u minn provi ohra imressqa minnu li serjament jimpingu fuq il-veracità ta' dak minnu affermat.

Jibda biex jigi osservat li ghalkemm il-konvenut jikkontendi li l-*partner* tieghu kienet xhud tal-fatt li huwa ma ffirma ghal ebda obbligazzjoni a favur l-attur ghaliex kienet prezenti meta marru d-dar ta' l-attur u kienet hi stess li wara li qrat id-dikjarazzjoni in kwistjoni qaltlu biex ma jiffirmax, din l-istess persuna, li rrizulta li hi Rita Philips, meta ttellghet tixhed mill-konvenut ma semmiet assolutament xejn minn dan kollu. In effetti Rita Philips illimitat ruhha billi tixhed illi *jien lill-konvenut ilni nafu madwar tlett snin. Ahna fil-fatt ghandna relazzjoni u nghixu flimkien. Il-konvenut ma jafx jikteb u ma jafx jaqra u ghal dawn l-affarijiet ikolli bzonn naghmillu kollox jien. Meta rcevejna l-karti tal-Qorti, il-konvenut talabni narahom halli nara x'fihom u meta rajt il-kontenut taghhom ghedtlu li kellna bzonn inkellmu avukat*[10].

Anke r-raguni li l-konvenut ta biex jiggustifika l-fatt li huwa telaq mill-impjieg tieghu ma' l-attur ma hijiex affattu konvincenti. Huwa jikkontendi illi *li gara imbaghad* (u cioè wara li skontu ma ffirmax id-dikjarazzjoni pprezentata lilu minn mart l-attur) *kien li l-attur beda jaqtaghli l-bonuses, sick leave u leave u finalment beda jaqtaghli mill-paga. Meta rajt li l-attur kien qed jaghmilli hekk jien kont iggilidt mieghu u fl-ahhar innervjajt u ma kellimtux izjed,* izda fuq domanda tal-Qorti dwar jekk hax passi fil-konfront ta' l-attur ghall-fatt li kien qed jaqtaghlu mill-paga, bonuses, sick leave u leave u kemm dam biex induna bit-tnaqqis li kien qed jaghmel l-attur, il-konvenut wiegeb *kull ma kont naghmel hu li kont niggieled mieghu biss ... domt bejn sena jew sentejn, ma niftakarx ezatt*[11]. Ma huwiex affattu kredibbli li l-konvenut dam sena jew sentejn qabel ma nduna li l-attur kien qed jaqtaghlu ammonti mill-leave, bonuses u paga biex jaghmel tajjeb ghall-valur tal-vann in kwistjoni partikolarment meta dawn l-ammonti komplessivament jammontaw ghal €2,963.89 u huwa daqstant iehor mhux kredibbli li l-konvenut ma rrappurtax dan l-agir ta' l-attur jekk dan kien qed isir minghajr il-kunsens tieghu. L-unika spjegazzjoni logika u plawsibbli ghal din is-sitwazzjoni hi li l-attur **bi ftehim mal-konvenut** kien qed ipaci certa ammonti minnu dovuti lill-konvenut versu l-valur tal-vann li, kif inghad, insteraq waqt li kien fil-pussess tal-konvenut.

[10] Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-5 ta' Novembru 2012, fol. 37 tal-process.
[11] Xhieda moghtija waqt is-seduta ta' l-24 ta' April 2012 a fol. 24 u 25 tal-process.

Ghal kull buon fini jigi osservat li l-konvenut jikkontendi wkoll li huwa ma huwiex obbligat ihallas is-somma ta' €9,970.30 peress illi meta saq il-vann ta' l-attur, l-istess attur kellu d-dover li jara li l-imsemmi vann kien kopert b'polza ta' assikurazzjoni. Tali affermazzjoni u konsegwenti pretensjoni tal-konvenut però hija ghal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt stante li: fl-ewwel lok l-istess konvenut ma ressaqx prova li fiz-zmien u fl-okkazzjoni in kwistjoni l-vann ta' l-attur ma kienx kopert b'polza ta' assikurazzjoni, u fi kwalunkwe kaz, ladarba il-konvenut kellu f'dik l-okkazzjoni l-pussess tal-vann ta' l-attur huwa kellu l-obbligu li jiehu hsiebu bhala *bonus pater familias*, obbligu dan li evidentement ma giex minnu onorat.

Mix-xhieda tal-konvenut jirrizulta li dakinhar li nsteraq il-vann in kwistjoni huwa halla l-istess vann miftuh bic-cwievet fih. Ghalkemm jipprova jirribatti ghall-affermazzjoni ta' l-attur u ta' ibnu Brian Zammit li cwievet kienu fl-*ignition* billi jikkontendi li c-cwievet ma kienux fl-*ignition* izda kienu mohbija taht is-*sunvisor* tal-vann fejn kien soltu jhallihom, fatto sta li x'hin dahal fil-Club tal-hamiem huwa halla l-vann miftuh bic-cwievet fih, f'post fejn kien soltu jhallihom. Certament dan l-agir tal-konvenut ma jistax jitqies agir ta' *bonus pater familias* u f'dan il-kaz isibu applikazzjoni l-principji li *kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu*[12], htija li tirrizulta kull meta *kull min bl-eghmil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja*[13].

Fid-dawl ta' dan kollu osservat jirrizulta ghalhekk li t-talba ta' l-attur hija gustifikata u b'hekk jisthoqq li tigi milqugha filwaqt li l-eccezzjonijiet tal-konvenut ma humiex affattu gustifikati u b'hekk ghandhom jigu michuda.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talba ta' l-attur u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' €9,970.30, bl-imghax legali dekoribbli mis-27 ta' Ottubru 2011, id-data tan-notifika tar-Rikors promotur, sad-data ta' l-effettiv pagament.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**

---

[12] Artikolu 1031 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.
[13] Artikolu 1032(1) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.